MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 305/2007

**S & S Bathrooms Limited (C28235)**

**vs**

**JDC Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ rikorrenti fejn bil-gurament taghha Melanie Zerafa ghall-istess ippremettiet:

1. Illi hi direttrici tas-socjeta' attrici.

2. Illi permezz ta' konvenju (Dok.A) datat dsatax (19) ta' Lulju, 2005, is-socjeta' konvenuta JDC Company Limited weghedet li tbiegh, tassenja u titrasferixxi lis-socjeta' attrici, zewg garaxxijiet bin-numru wiehed u ghoxrin (21) u tnejn u ghoxrin (22) fil-*lower basement level,* bla numru u bla isem, sottoposti ghal proprjeta' tas-socjeta intimata, formanti parti minn kumpless ta’ garaxxjiet, bla numru u

bla isem, li jizbokka fi Pjazza Censu Costa, Birkirkara (Dok.B).

3. Permezz ta' skrittura ohra datata wkoll dsatax ta' Lulju, 2005 (Dok.C), is-socjeta' rikorrenti hallset lill-konvenuti s-somma ta' tmintax-il elf u hames mitt Lira (Lm18,500 = €43093.41) permezz ta' konsenja ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GUZ 133. Dan il-prezz kellu jinkludi wkoll xoghol ta' tlestija fil-garaxxijiet; self ta' elfejn Lira (Lm2,000 = €4658.75) u konsenja ta' materjal tal-bini.

4. It-terminu tal-validita' tal-konvenju skada minghajr ma sar il-kuntratt definittiv ta' trasferiment. Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti sabiex iroddu lura s-somma ta' tmintax-il elf u hames mitt Lira (Lm18,500 = €43093.41) lilhom imhallsa kif suespost, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. L-esponenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ rikorrenti tablet li s-socjeta` intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) Tikkundannahom ihallasu lill-atturi s-somma, ta' Lm18,500 = €43093.41 dovuta, lill-istess esponenti kif fuq intqal, u dan flimkien ma' l-imghax dovut skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni, kontra, l-konvenuti, li jinsabu minn issa, ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat in-nota tas-socjeta’ rikorrenti datata 11 ta’ Jannar 2008 li biha rriduciet it-talba ghall-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin Euro (€22,322 = Lm9,582.83) *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti

limitatament ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin Euro (€22,322 = Lm9,582.83).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni, kontra, s-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------